


# MONUMENTUM INSIGNIS VICTORIAE AD. MDLXV

Chev. Mario Coleiro



Monument li jfakkar ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir 1565, hekk tgħid l-iskrizzjoni li naraw imnaqqxa fil-faċċata tal-Bażilika tal-Isla. Din l-iskrizzjoni nkitbet mal-faċċata ta' din il-knisja għax fir-realtà din inbniet biex qatt ma tintesa r-rebħa kbira li l-Ordni ta' San Ġwann flimkien mal-poplu Malti kien għamel nhar it-8 ta' Settembru 1565 fuq l-Imperu Ottoman. Kien l-Ordni nnifsu li permezz tal-Gran Mastru De Valette semma lill-Isla bħala *SENGLEA CIVITAS INVICTA* u ried li l-knisja ewlenija tkun iddedikata lit-twelid tal-Madonna u li tibda tissejjaħ il-Vitorja biex għal dejjem din il-festa Marjana tintrabat mar-rebħa tal-Assedju.



*Il-Gran Mastru Juan Parisot de la Vallette*

Din ir-rabta bejn il-Belt Senglea u r-rebħa tal-Assedju l-Kbir baqgħet dejjem b'saħħitha u għalhekk insibu diversi okkażjonijiet jew skrizzjonijiet li jikkonfermaw dan, bħal eżempju l-iskrizzjoni li nsibu fis-sagristija ta' din il-knisja li tgħid hekk "*D.O.M. Ampliss.hier. Ordini Principi Munificentiss. Fidei, et Bellicae Virtutis remuneratori ob Liberatum populum ab onere Census Decreto Sacri Concilij Status Edito Magisterio Vacante IX. FEB. MDC. AB Incarnato xpo SENGLEA CIVITAS INVICTA grati animi monumentum posuit*" Din l-iskrizzjoni tikkonferma l-gratitudni tal-Gran Mastru u tal-Ordni lejn in-nies tal-Isla għal kuraġġ u ħila li wrew waqt l-assedju fid-difiża ta' belthom u bħala ringrazzjament l-Ordni ċeda ċ-ċnus fuq l-artijiet lin-nies tal-Isla.



*Il-Bażilika Kolleġġjata ta' Marija Bambina fl-Isla, li nbniet mill-ġdid wara t-Tieni Gwerra Dinjija*




*Lapida fis-Sagristija tal-Bażilika, li tfakkar meta l-poplu Senglean akkwista l-ħelsien mill-ħlas tal-piż taċ-ċens fuq l-art*

Din l-istorja baqgħet maż-żmien tingħaġen ma' dik tal-Isla u l-knisja ewlenija tagħha li dejjem sa mill-bini tagħha kienet ikkunsidrata bħala l-monument tar-rebħa tal-assedju. Naraw li f'diversi okkażjonijiet irreferew għal diversi viżitaturi u dinjitarji li kkummentaw fuq din il-knisja speċjalment wara s-sena 1581 meta din il-knisja saret parroċċa. Fost dawn il-viżitaturi li żaru din



L-Isqof Tumas Gargallo

il-knisja u li kkonfermaw din ir-rabta nsibu lill-Mons. Ascanio Libertann li kien għamel vista pastorali f'isem l-Isqof Gargallo fis-sena 1585. Gargallo nnifsu fis-sena 1602 għamel viżta pastorali f'din il-knisja u kompla jagħtina iktar dettalji tagħha. L-Isqof Cagliares żar l-Knisja ta' Marija Bambina tal-Isla tliet darbiet fis-sena 1616, 1621 u 1631 u dejjem din il-knisja baqgħet indikata bħala l-monument tar-rebħa tal-assedju. F'din l-aħħar viżta ta' Cagliares insibu dettall importanti li jitfa' dawl fuq il-vara titulari ta' Marija Bambina li kienet tinstab diġà f'din il-knisja fis-sena 1618. F'din in-nota naraw li l-istatwa kienet ġiet miżbugħa u indurata u kienet tinżamm ġo niċċa fuq l-artal tal-Madonna tas-Sokkors. Din in-nota hija importanti għax minna nafu kemm l-istatwa titulari kienet miżmuma b'għożża kbira. Fis-sena 1679 insibu Isqof ieħor li għamel viżta pastorali f'din il-knisja dan kien Ciacomo Molina li fiha jagħti tagħrif dwar l-Isla fi żmien il-pesta l-kbira. Isqof ieħor li rabat ismu ma' din il-parroċċa kien l-Isqof Alpheran de Bussan u mill-viżta pastorali tiegħu nieħdu ħafna informazzjoni fuq l-istat tal-knisja. Dan l-isqof kien ukoll li dakinhar 20 ta' Ottubru 1743 ikkonsagra solennament din il-knisja. L-Isqof Vincenzo Labini u l-Gran Mastru De Rohan kienu strumentali biex fis-sena 1786 il-Papa Piju VI għolla din il-knisja għad-dinjità ta' Kolleġġjata Insinji. L-Arċisqof Mauro Caruana, il-persuna li wera xewqa tal-poplu tal-Isla preżenta lill-Papa Beneditu XV ir-rikors biex il-Kolleġġjata tal-Isla tkun mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika. Nhar it-3 ta' Jannar 1921 il-Papa ħareġ id-digriet *Ad Perennandam Memorian* li kien ifisser li l-kolleġġjata ta' Marija Bambina issa saret Bażilika Minuri.



L-Isqof Baldassare Cagliares

Ġurnata oħra indimentikabbli fl-istorja ta' din il-belt u l-knisja tagħna kienet nhar l-4 ta' Setembru 1921 meta fix-Xatt tal-Isla l-Arċisqof ta' Malta Dom Mauro Caruana megħjun mill-Isqfijiet Angelo Portelli u Govanni Maria Camilleri nkuruna solennament l-istatwa mirakoluża ta' Marija Bambina. Din kienet festa kbira għas-Sengleani kollha u għal pajjiżna. Kien l-ewwel darba li vara ġiet inkurunata solennament b'digriet li ħareġ mill-Vatikan nhar l-1 ta' Mejju tas-sena ta' qabel.



L-Isqof Alpheran De Bussan



L-Isqof Vincenzo Labini



Il-Gran Mastru
Emmanuel De Rohan



Il-Papa Piju VI




Lapida li tinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-Bażilika, li tfakkar il-konsagrazzjoni solenni tal-knisja mill-Isqof Alpheran De Bussan, nhar l-20 ta' Ottubru 1743



L-E.T. Dom Mauro Caruana O.S.B.
– Isqof ta' Malta



Il-Papa Benedittu XV





*Fr Angelo M. Portelli – Isqof titulari ta' Selinonte u Vigarju Ġenerali ta' Malta*

*Fr Giovanni M. Camilleri O.E.S.A. – Isqof ta' Għawdex*

Iżda meta wieħed iħares lejn storja ta' post bħal din il-knisja mhux kull ġurnata jew perjodu jkun sabiħ. Issib li kien hemm waqtiet veru koroh u ta' niket kbir bħalma kien żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Malli l-Italja ddikjarat gwerra nhar l-10 ta' Ġunju 1940 l-għada saru l-ewwel attakki fuq Malta, u l-Isla sabet ruħha fl-iktar zona perikoluża ta' Malta. Konsegwenza ta' dan kollu l-Bażilika tal-Isla ntlaqtgħet diversi drabi u bdiet iġarrab ħsarat kbar. Il-vari għeżież tal-Bambina u tar-Redentur ittieħdu ġewwa Birkirkara u magħhom tneħħew mill-knisja ħafna oġġetti ta' valur biex jiġu salvati mill-qerda. Sa April 1942, il-knisja kienet fi stat tal-biki bit-tiġrif tal-koppla, il-knisja issa kienet ħerba waħda u iktar kienet borġ ġebel. L-Isla kienet tilfet din il-knisja li kienet waħda mill-isbaħ knejjes ta' Malta. Meta l-attakki tal-għadu bdew itaffu xi ftit, il-vara tal-Bambina nġiebet lura l-Isla u ttieħdet fil-Knisja tal-Madonna tal-Portu





*8 ta' Settembru 1943 – Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina għaddejja mix-xatt fil-ħin li fih waslet l-aħbar li l-Italja kienet ċediet*

Salvu magħrufa bħal San Filippu. Minn din il-knisja bdiet issir il-festa u kien propju nhar it-8 ta' Settembru 1943, waqt il-purċissjoni bil-vara tal-Bambina li xterdet l-aħbar li l-Italja kienet ċediet u dan kien ifisser it-tmiem tal-gwerra għal Malta. Din reġgħet kienet okkażjoni oħra fejn Marija Santissma fil-festa tat-twelid tagħha ħelset lil pajjiżna minn saram kbir. Wara l-gwerra beda x-xogħol ta' rikostruzzjoni u bil-għajnuna ta' *War Damage Commission*, il-kapitlu seta' jibda x-xogħol tar-restawr ta' dak li kien għad fadal u tal-bini mill-ġdid ta' dak li ġġarraf. Fis-sena 1946 kien ġa beda dan ix-xogħol taħt id-direzzjoni tal-Imgħallem Ġużeppi Sammut. Wara 10 snin ta' xogħol ta' bini u tiżbigħ din il-knisja



*Il-Bażilika ta' Marija Bambina mġarrfa wara l-attakki mill-għadu matul it-Tieni Gwerra Dinjija*



Ġużeppi Sammut –
L-imgħallem li bena l-Bażilika
ta' Marija Bambina fl-Isla
(1945-1957)



L-Arċisqof Mikiel Gonzi



L-Isqof Emmanuel Galea

kienet ikkonsagrata mill-ġdid mill-Arċisqof Mikiel Gonzi nhar is-Sibt 24 ta' Awwissu 1957. L-għada saret transazzjoni bl-Istatwa ta' Marija Bambina mill-Knisja ta' San Filippu għall-knisja parrokkjali. Din kienet ġurnata mill-isbaħ għall-poplu tal-Isla fejn wara dik il-ħerba kollha reġgħu bdew igawdu l-knisja maħbuba tagħhom. Nhar it-22 ta' Marzu 1964, l-Isqof Emmanuel Galea bierek it-tribuna l-ġdida li saret fuq disinn ta' Vincenzo Bonello. F'qasir żmien din il-knisja reġgħet ħadet il-glorja li kienet tgawdi qabel il-qerda tal-gwerra. Dan seħħ bid-determinazzjoni tal-poplu tal-Isla li dejjem ħares lejn il-knisja tiegħu bħala monument tar-rebħiet li pajjiżna kellu mal-mogħdija taż-żmien. Dawn ir-rebħiet dejjem kienu marbuta mad-devozzjoni li pajjiżna minn dejjem kellu lejn Ommna Marija Santissma u din kienet ir-raġuni għalina l-Maltin il-festa tat-twelid ta' Marija Santissima nsejħulha l-Vitorja.

Din il-knisja Kolleġjata u Bażilika hija tassew il-monument li jfakkarna f'dawn l-istejjer li għadda minnhom pajjiżna u li l-poplu tal-Isla dejjem għamel minn kollox biex permezz tal-imħabba u d-devozzjoni li għandu għal Marija Bambina din il-knisja tkun xhieda ta' din id-devozzjoni speċjali.



It-Tribuna l-ġdida li tinsab fil-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla

**Referenzi:**

Descrizione Storica Della Chiese di Malta e Gozo: Achille Ferres
Kollezzjoni ta' ġurnali: Biblijoteka Nazzjonali Valletta
Teżori fil-Knejjes: Tony Terribile
Bliet u Rħula Maltin: Alfie Gullaumier
Meta Faqqgħet il-Gwerra: Laurence Mizzi

